KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 31.8.2009
KUMM(2009) 441 finali

2009/0121 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta'Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Permezz ta' din il-Komunikazzjoni il-Kummissjoni qed tippreżenta lill-Kunsill bi proposta riveduta għal Deċiżjoni li tawtorizza lill-Komunità biex tikkonkludi Ftehim li jiddefenixxi t-termini tal-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999.

2. L-adeżjoni tal-Komunità hija permessa skont l-Artikolu 38 tal-COTIF kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius, li jipprovdi għall-adeżjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika.

3. Fit-28 ta' Marzu 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati mal-Partijiet Kontraenti fil-COTIF sabiex tilħaq ftehim dwar l-adeżjoni tal-Komunità ma' dik il-Konvenzjoni. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill inkludiet direttivi u struzzjonijiet ta' negozjar għall-adeżjoni tal-Komunità mal-COTIF.

4. Għalkemm fl-2003 kienet saret proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex jiġu aċċettati l-kundizzjonijiet ta' ftehim bejn il-Komunità u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)[1], l-adeżjoni tal-Komunità mal-COTIF ma setgħetx isseħħ sakemm ma jkunx daħal fis-seħħ il-Protokoll ta' Vilnius li kien jiddependi fuq għadd ta' ratifiki magħmula mill-Istati Membri tal-OTIF. Il-COTIF, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius, daħlet fis-seħħ f'Lulju 2006.

5. Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2003 għall-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-COTIF intbagħtet lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Novembru 2003. Fl-10 ta' Marzu 2004, irċeviet opinjoni favorevoli tal-Parlament Ewropew, li approvaha mingħajr emendi wara l-ewwel qari. Madanakollu, inħass li l-Komunità għandha tfittex kjarifiki u assigurazzjonijiet mill-OTIF dwar kwistjoni waħda partikolari. Kien hemm tħassib dejjem akbar dwar il-fatt li l-Artikolu 3(2) tal-COTIF li kellu l-iskop li jiżgura l-konformità bejn is-sistemi legali rispettivi tal-Komunità u tal-OTIF, fil-fatt : fil-fatt dan ma kienx qed iwettqu b'mod adegwat. Analiżi legali tal-COTIF u l-Appendiċijiet tagħha kkonfermat li kien hemm għadd ta' diverġenzi bejn l-*acquis* tal-Komunità u l-COTIF, relatati kemm mar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fil-COTIF (l-Artikoli 12 u 28) kif ukoll mar-regoli f'xi wħud mill-Appendiċijiet (E, F u G).

6. L-Istati Membri kienu konxji sew dwar dan il-konflitt u wara suġġeriment formali mingħand il-Kummissjoni, għamlu dikjarazzjonijiet kontra l-Appendiċijiet tal-COTIF imsemmijin hawn fuq skont l-Artikolu 42 tal-COTIF. Permezz ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet f'dawn l-Appendiċijiet saru mhux applikabbli fil-pajjiżi konċernati. Din neħħiet il-possibbiltà ta' kwalunkwe konflitt mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar kwistjonijiet koperti minn dawn l-Appendiċijiet, iżda kellha l-effett awtomatiku li tagħmel mhux applikabbli wkoll dawk ir-regoli li ma kinux konfliġġenti.

7. Sabiex tipproteġi s-sistema legali tal-Komunità Ewropea, il-Komunità pproponiet li għandha tiżdied dispożizzjoni xierqa (hekk imsejħa klawżola ta' deroga) fil-ftehim

[1] COM (2003) 696 tas-17 ta' Novembru 2003

biex tiġi evitata kwalunkwe inkompatibbiltà legali bejn il-COTIF u l-*acquis* Komunitarju eżistenti kif ukoll dak li qed jiżviluppa.

8. Fid-19 ta' April 2007, il-Grupp ta' Interservizzi tal-Kummissjoni dwar Kompetenzi Esterni tal-Komunità eżamina l-kwistjonijiet ġenerali li jirrigwardaw l-adeżjoni tal-Komunità. Ikkonkluda li l-aktar mod xieraq li bih jista' jsir progress kien li :

   – Il-Kummissjoni għandha taqbel mal-OTIF dwar l-inklużjoni ta' klawżola ta' deroga standard fil-Ftehim dwar l-Adeżjoni tal-Komunità mal-COTIF.

   – L-Istati Membri għandhom iżommu d-dikjarazzjonijiet tagħhom kontra l-Appendiċijiet (E, F & G) tal-COTIF. L-Istati Membri li rratifikaw il-Protokoll ta' Vilnius 1999 iżda għadhom ma' għamlux dikjarazzjoni kontra dawn l-Appendiċijiet għandhom ikunu obbligati li jagħmlu dan.

   – Wara l-adeżjoni tal-Komunità mal-COTIF, il-Komunità għandha tagħmel dikjarazzjoni kontra l-Appendiċijiet (E, F & G) tal-COTIF.

   – L-irtirar tad-dikjarazzjonijiet imsemmija hawn fuq (tal-Istati membri u tal-Komunità) għandu jsir meta jitneħħew l-inkonsistenzi legali bejn iż-żewġ sistemi legali.

9. Dan l-approċċ ġie diskuss fil-Kunsill matul is-sena 2007 li ppermetta l-ftuħ mill-ġdid tan-negozjati al-OTIF, partikolarment dwar il-kwistjoni ta' klawżola ta' deroga xierqa. Fl-istess ħin, inbeda x-xogħol biex tinstab soluzzjoni dwar il-kwistjoni tal-inkompatibilitajiet legali bejn is-sistemi legali tal-KE u tal-OTIF. Dan ix-xogħol ġie konkluż fl-2008.

10. Is-sessjonijiet ta' negozjati bejn il-Kummissjoni u l-OTIF ta' Mejju u Ġunju 2009 rriżultaw f'abbozz ta' ftehim konġunt mehmuż hawnhekk fl-Anness. Is-sitwazzjoni attwali hi li l-COTIF hija fis-seħħ u l-Komunità Ewropea tista' taderixxi magħha. Il-kwistjonijiet ta' kompatibbiltà bejn il-liġi tal-Komunità Ewropea u l-COTIF kienu ġew riżolti fil-prinċipju bil-bidliet meħtieġa fil-COTIF wara li tressqet quddiem u ġiet adottata mill-Kumitat xieraq tal-OTIF fit-23, l-24 u l-25 ta' Ġunju 2009. Dawn il-bidliet se jidħlu fis-seħħ 12-il xahar wara li l-OTIF tinnotifikahom lill-Istati Membri tagħha.

11. Għalhekk il-ftehim mehmuż sar wara li ġew ikkunsidrati dawn il-kwistjonijiet kollha, jirrappreżenta twettiq tal-obbligi mogħtija fil-mandat tal-Kunsill u jipprovdi mod kif jista' jsir progress sabiex il-Komunità Ewropea tikseb l-għan tagħha li testendi ż-żona ferrovjarja tal-Komunità u li tipprovdi aktar opportunitajiet għall-iżvilupp tas-suq ferrovjarju.

12. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u skont il-proċeduri stabbiliti, il-Kummissjoni:

   – tirtira l-proposta għal Deċiżjoni li tawtorizza lill-Komunità biex tikkonkludi Ftehim li jiddefinixxi t-termini tal-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) li ġiet adottata fl-2003 (COM(2003) 696 finali tas-17 ta' Novembru 2003);

   – tipproponi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni mehmuża;

– tindirizza din il-Komunikazzjoni lill-Kunsill.

2009/0121 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta'Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 71 u 300(2) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,[2]

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,[3]

Billi:

(1) L-iżvilupp tal-interoperabbiltà ferrovjarja, kemm fi ħdan il-Komunità kif ukoll bejn il-Komunità u l-pajjiżi ġirien, huwa komponent ewlieni tal-politika tat-trasport, immirat b'mod partikolari sabiex jiġi stabbilit bilanċ aħjar bejn il-modi varji ta' trasport.

(2) Il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva jew kompetenza konġunta mal-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti bil-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, minn issa 'l quddiem "COTIF".

(3) L-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-COTIF bl-iskop li teżerċita l-kompetenza tagħha hija permessa bis-saħħa tal-Artikolu 38 tal-COTIF kif emendata mill-protokoll ta' Vilnius.

(4) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim dwar l-Adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-COTIF mal-Partijiet Kontraenti għall-COTIF.

(5) Minħabba li r-riżoluzzjoni ta' għadd ta' konflitti bejn id-dispożizzjonijiet ta' ċerti Appendiċijiet tal-COTIF u l-liġi Komunitarja għadha pendenti, il-Komunità Ewropea għandha, b'konnessjoni mal-adeżjoni tagħha mal-COTIF, tagħmel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 42 tal-COTIF rigward in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Appendiċijiet E, F u G tal-COTIF.

---

[2] ĠU C [...], [...], p. [...].
[3] ĠU C [...], [...], p. [...].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim dwar l-Adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

– mal-adeżjoni għandha issir dikjarazzjoni mill-Komunità li tirrigwarda l-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha,

– mal-adeżjoni għandha ssir dikjarazzjoni mill-Komunità li tirrigwarda l-applikazzjoni tal-Appendiċijiet E, F u G tal-COTIF.

2. It-test tal-Ftehim u d-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma mehmuża bħala Annessi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill permezz ta' dan huwa awtorizzat li jaħtar il-persuna li tingħata s-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex tesprimi l-kunsens tal-Komunità li tintrabat bih, biex tagħmel id-dikjarazzjonijiet relatati u biex tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni f'isem il-Komunità.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS 1

FTEHIM

DWAR L-ADEŻJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA MAL-KONVENZJONI LI TIRRIGWARDA T-TRASPORT INTERNAZZJONALI BIL-FERROVIJA (COTIF) TAD-9 TA' MEJJU 1980, KIF EMENDATA MILL-PROTOKOLL TA'VILNIUS TAT-3 TA' ĠUNJU 1999

L-ORGANIZZAZZJONI INTERGOVERNATTIVA GĦAT-TRASPORT INTERNAZZJONALI BIL-FERROVIJA

U

L-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, minn issa 'l quddiem "il-Konvenzjoni", partikolarment l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni msemmija,

Wara li kkunsidraw ir-responsabbiltajiet li t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jikkonferixxi lill-Komunità Ewropea f'ċerti oqsma koperti mill-Konvenzjoni,

Billi l-Konvenzjoni tistabbilixxi Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF), li l-kwartieri ġenerali tagħha jinsabu f'Bern;

Billi l-iskop tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni hu li tassisti lill-OTIF sabiex tibqa' tfittex li tilħaq l-għan tagħha li tippromwovi, ittejjeb u tiffaċilita t-trasport internazzjonali bil-ferrovija kemm mill-aspett tekniku kif ukoll minn dak legali;

Billi bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, l-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' jiħdux preċedenza, għall-Istati Membri li huma wkoll Membri tal-Komunitajiet Ewropej jew Stati parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, fuq l-obbligi tagħhom bħala Membri tal-Komunitajiet Ewropej jew bħala Stati parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

Billi l-klawżola ta' deroga hija meħtieġa għal dawk il-partijiet tal-Konvenzjoni li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità Ewropea, sabiex tindika li l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea ma' jistgħux jinvokaw u japplikaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni direttament fosthom;

Billi l-Konvenzjoni tapplika b'mod sħiħ bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Partijiet l-oħra għall-Konvenzjoni, min-naħa l-oħra;

Billi l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni tesiġi li r-regoli biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għall-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jiġu stabbiliti b'mod ċar;

Billi l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni għandhom jippermettu li l-Komunità teżerċita, fi ħdan il-Konvenzjoni, il-kompetenzi kkonferiti lilha mill-Istati Membri,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Komunità Ewropea permezz ta' dan taderixxi mal-Konvenzjoni skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Ftehim, skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Il-Partijiet Kontraenti fil-Konvenzjoni li huma Membri tal-Komunità Ewropea għandhom, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, japplikaw ir-regoli Komunitarji safejn ikun hemm regoli Komunitarji li jirregolaw is-suġġett partikolari kkonċernat u safejn huma applikabbli għall-każ speċifiku, mingħajr preġudizzju għall-għan u l-iskop tal-Konvenzjoni u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tagħha ma' Partijiet Kontraenti oħra fil-Konvenzjoni.

Artikolu 3

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet fil-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati b'mod li jinkludi wkoll lill-Komunità Ewropea, fi ħdan il-qafas tal-kompetenza tagħha, u t-termini varji użati biex jinħatru l-Partijiet Kontraenti fil-Konvenzjoni u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jinftiehmu skont il-każ.

Artikolu 4

Il-Komunità Ewropea ma għandhiex tikkontribwixxi għall-baġit tal-OTIF u ma għandhiex tieħu sehem f'deċiżjonijiet li jirrigwardaw dak il-baġit.

Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha tal-votazzjoni skont l-Artikolu 6, il-Komunità Ewropea għandha tkun intitolata li tkun irrappreżentata fil-ħidmatal-korpi kollha tal-OTIF li fihom kwalunkwe Stat Membru tagħha huwa intitolat li jkun irrappreżentat bħala Parti Kontraenti, u meta kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħha jkunu jistgħu jiġu indirizzati. Il-Komunità Ewropea ma tistax tkunx membru tal-Kumitat Amministrattiv. Tista' tiġi mistiedna biex tipparteċipa f'laqgħat ta' dan il-Kumitat meta l-Kumitat ikun jixtieq jikkonsultaha dwar kwistjonijiet ta' interess komuni li jkunu tpoġġew fuq l-aġenda.

2. Il-Komunità Ewropea għandha tkun irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tagħti mandat lil Stat Membru tal-Komunità wieħed jew aktar biex jirrappreżentaha/jirrappreżentawha.

Artikolu 6

1. Għal deċiżjonijiet fi kwistjonijiet fejn il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva, il-Komunità Ewropea se teżerċita d-drittijiet ta' votazzjoni tal-Istati Membri tagħha skont il-Konvenzjoni.

2. Għal deċiżjonijiet fi kwistjonijiet fejn il-Komunità Ewropea taqsam il-kompetenza mal-Istati Membri tagħha, għandha jew tivvota l-Komunità Ewropea jew inkella l-Istati Memebri tagħha.

3. Soġġett għall-Artikolu 26 il-paragrafu 7 tal-Konvenzjoni, il-Komunità Ewropea għandu jkollha l-istess għadd ta' voti daqs l-Istati Membri tagħha li huma wkoll Stati Membri tal-OTIF. Meta l-Komunità Ewropea tivvota, l-Istati Membri tagħha ma għandhomx jivvutaw.

4. Il-Komunità Ewropea għandha, għal kull każ, tgħarraf lill-Partijiet Kontraenti l-oħra fil-Konvenzjoni bil-każijiet fejn, fir-rigward tal-punti varji fuq l-aġendi tal-Assemblea Ġenerali u tal-korpi ta' deliberazzjoni l-oħra, hija se teżerċita d-drittijiet tal-votazzjoni kif hemm ipprovdut fil-paragrafi 1 sa 3 ta' hawn fuq. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll meta d-deċiżjonijiet jittieħdu permezz ta' korrispondenza. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lis-Segretarju-Ġenerali tal-OTIF kmieni biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi ċċirkolata flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa jew ma' deċiżjoni li għandha tittieħed permezz ta' korrispondenza.

Artikolu 7

L-ambitu tal-kompetenza tal-Komunità għandu jiġi indikat f'termini ġenerali f'dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mill-Komunità Ewropea meta jiġi konkluż il-Ftehim. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi mmodifikata kif xieraq permezz ta' notifika mill-Komunità Ewropea lill-OTIF. Din bl-ebda mod ma għandha tissostitwixxi jew tillimita l-kwistjonijiet li jistgħu jiġu koperti bin-notifiki ta' kompetenza tal-Komunità li għandhom isiru qabel it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-OTIF permezz ta' votazzjoni formali jew mod ieħor.

Artikolu 8

It-Titolu V tal-Konvenzjoni għandu japplika għal kull disputa li tinqala' bejn il-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim ta' Adeżjoni attwali fir-rigward tal-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inkluża l-eżistenza, il-validità u t-terminazzjoni tiegħu.

Artikolu 9

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara l-iffirmar tal-ftehim mill-Partijiet Kontraenti. L-Artikolu 34 il-paragrafu 2 tal-Konvenzjoni ma għandux japplika f'dan il-każ.

Artikolu 10

Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu indefinit.

Jekk l-Istati Membri kollha tal-OTIF li huma Membri tal-Komunità Ewropea jiddenunzjaw il-Konvenzjoni, kemm in-notifika ta' dik id-denunzja, kif ukoll tad-denunzja ta' dan il-Ftehim, għandhom jitqiesu li jkunu ngħataw mill-Komunità Ewropea fl-istess ħin tan-notifika tad-denunzja, skont l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, tal-aħħar Stat Membru tal-Komunità Ewropea li jiddenunzja l-Konvenzjoni.

Artikolu 11

Il-Partijiet Kontraenti fil-Konvenzjoni apparti l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej li japplikaw leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità Ewropea b'riżultat tal-ftehimiet internazzjonali tagħhom mal-Komunitajiet Ewropej, bl-approvazzjoni tad-Depożitarju tal-Konvenzjoni, idaħħlu dikjarazzjonijiet individwali li għandhom x'jaqsmu mal-preżervazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont il-ftehimiet tagħhom mal-Komunitajiet Ewropej, mal-COTIF u ma' regolamenti relatati.

B'XIEHDA TA' DAN, is-sottoskritti Plenipotenzjarji, wara li ppreżentaw is-Setgħat Sħaħ tagħhom, li nstabu li kienu f'forma xierqa u tajba, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL fi..., il-... ġurnata ta' ... (xahar) ... (sena), bl-Ingliż, f'żewġ oriġinali, wieħed biex jinżamm mill-OTIF u l-ieħor mill-Komunità Ewropea. It-traduzzjoni u d-distribuzzjoni tal-Ftehim finali huma kwistjonijiet għall-istituzzjonijiet rispettivi tal-Partijiet Kontraenti.

Għall-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)	Għall-Komunità Ewropea

ANNESS 2

DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITÀ EWROPEA LI TIRRIGWARDA L-EŻERĊIZZJU TA' KOMPETENZA

Fis-settur tal-ferroviji, il-Komunità Ewropea taqsam il-kompetenza mal-Istati Membri skont l-Artikoli 70, 71, 80(1) u 156 tat-Trattat tal-KE.

It-Titolu V tat-Trattat tal-KE jistabbilixxi l-politika komuni tat-trasport tal-Komunità Ewropea, u t-Titolu XV jipprovdi għall-kontribut tal-Komunità Ewropea għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport.

B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 71 tat-Titolu V tat-Trattat tal-KE jipprovdi li l-Komunità Ewopea tista' tadotta:

– regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

– kundizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru;

– miżuri li jtejbu s-sikurezza tat-trasport;

– kwalunkwe dispożizzjoni oħra xierqa

Fir-rigward tan-Netwerks Trans-Ewropej, l-Artikolu 155 tat-Titolu XV tat-Trattat tal-KE jipprovdi, b'mod aktar speċifiku, li l-Komunità Ewropea:

– għandha tistabbilixxi sensiela ta' linji gwida dwar il-miri, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-miżuri previsti fl-isfera tan-netwerks trans-Ewropej; dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta' interess komuni;

– għandha timplimenta kull miżura li titqies neċessarja sabiex tiżgura l-interoperabbiltà tan-netwerks, b'mod partikolari fil-qasam tal-istandardizzazzjoni teknika;

– tista' tappoġġa proġetti ta' interess komuni appoġġati mill-Istati Membri, li huma identifikati fil-qafas tal-linji gwida msemmija fl-ewwel inċiż, partikolarment permezz ta' studji ta' possibilità, garanziji għal self jew sussidji fuq ir-rati tal-interessi; il-Komunità tista' wkoll tikkontribwixxi, permezz tal-Fond ta' Koeżjoni, sabiex jiġu finanzjati proġetti speċifiċi fl-Istati Membri fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.

Abbażi ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet il-Komunità Ewropea adottat għadd sostanzjali ta' strumenti legali applikabbli għat-trasport bil-ferrovija.

Skont il-liġi tal-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea akkwistat kompetenza esklussiva fi kwistjonijiet tat-trasport bil-ferrovija meta l-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, minn issa 'l quddiem "il-Konvenzjoni", jew l-istrumenti legali adottati skont din jaffettwaw ir-regoli Komunitarji eżistenti.

Għall-kwistjonijiet ta' suġġetti rregolati mill-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva, l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea ma għandhom l-ebda kompetenza.

Meta jeżistu regoli Komunitarji iżda mhumiex affettwati mill-Konvenzjoni jew mill-istrumenti legali adottati skont din, il-Komunità Ewropea taqsam il-Kompetenza dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-Konvenzjoni mal-Istati Membri.

Lista tal-istrumenti Komunitarji rilevanti fiż-żmien ta' dan il-ftehim tinsab fl-Appendiċi. L-ambitu tal-kompetenza Komunitarja li tirriżulta minn dawn it-testi għandu jiġi vvalutat b'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' kull test, speċjalment safejn dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu r-regoli komuni. Il-kompetenza Komunitarja hija soġġetta għal żvilupp kontinwu. Fil-qafas tat-Trattat, l-istituzzjonijiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw safejn twassal il-kompetenza tal-Komunità Ewropea. Għalhekk il-Komunità Ewropea żżomm id-dritt li temenda din id-dikjarazzjoni kif xieraq, mingħajr ma dan jikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fi kwistjonijiet koperti mill-Konvenzjoni.

APPENDIĊI GĦALL-ANNESS 2

STRUMENTI KOMUNITARJI RELATATI MA' SUĠĠETTI INDIRIZZATI MILL-KONVENZJONI

Sa llum, il-Komunità eżerċitat il-kompetenza *inter alia* permezz tal-istrumenti Komunitarji li ġejjin:

LEĠIŻLAZZJONI DWAR AĊĊESS EKONOMIKU / GĦAS-SUQ

- Ir-Regolament Nru 11 dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 79 (3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea. (ĠU L 532, 16.8.1960, p 1121)

- Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25);

- Id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji (ĠU L 143, 27.6.1995, p. 70).

- Id-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-iżvilupp tal-ferroviji tal-Komunità, ĠU L 75, 15.3.2001, p. 1;

- Id-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-għoti ta' liċenzji għal impriżi ferrovjarj (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 26);

- Id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29);

- Id-Direttiva 2004/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-ferrovija tal-Komunità, ĠU L 164, 30.4.2004, p. 164-172 u ĠU L 220, 21.6.2004, p. 58-60);

- Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

- Id-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 44);

- LEĠIŻLAZZJONI DWAR INTEROPERABBILTÀ U SIKUREZZA

- Id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6);

– Id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1);

– Id-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 25);

– Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44-113 u ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16-39);

– Id-Direttiva 2004/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva 96/48/KE dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji ta' veloċità kbira u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji konvenzjonali (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114-163 u ĠU L 220, 21.6.2004, p. 40 – 57.);

– Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1-43 u ĠU L 220, 21.6.2006, p. 3-14);

– Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51);

– Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 191, 18.07.2008, p. 1);

– Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' Oġġetti Perikoluż (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13);

– Id-Direttiva 2008/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva 2004/49/KE dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 62);

– Ir-Regolament (KE) Nru 1335/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 51).

OBBLIGI TAS-SERVIZZ PUBBLIKU

– Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1);

ANNESS 3

DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITÀ EWROPEA SKONT L-ARTIKOLU 42 TAL-COTIF

Sakemm jiġu riżolti ċerti inkonsistenzi legali bejn il-leġiżlazzjoni Komunitarji u ċerti regoli tal-COTIF, l-appendiċijiet li ġejjin tal-COTIF mhumiex se jiġu applikati fl-intier tagħhom mill-Komunità Ewropea:

1. Ir-Regoli Uniformi li jirrigwardaw il-Kuntratt għall-Użu tal-infrastruttura fit-Traffiku Internazzjonali tal-Ferroviji (CUI – Appendiċi E għall-Konvenzjoni).

2. Ir-Regoli Uniformi li jirrigwardaw il-Validazzjoni ta' Standards Tekniċi u l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għall-Materjal tal-Ferroviji bl-intenzjoni li jintużaw mit-Traffiku Internazzjonali (APTU – Appendiċi F għall-Konvenzjoni).

3. Ir-Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali (ATMF – Appendiċi G għall-Konvenzjoni).

ARRANĠAMENTI INTERNI BEJN IL-KUNSILL, L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-KOMUNITÀ U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA F'LAQGĦAT LI JSIRU SKONT IL-KONVENZJONI LI JIRRIGWARDAW IT-TRASPORT INTERNAZZJONALI BIL-FERROVIJA 1999

Filwaqt li jitqies ir-rekwiżit ta' unità fir-rappreżentazzjoni internazzjonali tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha skont it-Trattat tal-KE u l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja anki fl-istadju tal-implimentazzjoni ta' obbligi internazzjonali;

Il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ftehimiet interni li ġejjin:

1. NATURA U AMBITU

1.1. Dan id-dokument jistabbilixxi l-ftehimiet interni bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni fit-tħejjija għall-laqgħat li saru skont il-Konvenzjoni li tirrigwarda t-trasport internazzjonali bil-ferrovija 1999, (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni"). Dawn il-ftehimiet interni se japplikaw għal-laqgħat kollha organizzati mill-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

2. TQASSIM TAL-KOMPITI SKONT IL-KOMPETENZA

2.1. Għall-kwistjonijiet ta' trasport bil-ferrovija li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, il-Presidenza ssejjaħ b'inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru laqgħat ta' koordinazzjoni tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE qabel, waqt u wara kull laqgħa msemmija fil-paragrafu 1, bl-għan li jiġu elaborati l-pożizzjonijiet koordinati. Il-Presidenza se tesprimi dawn il-pożizzjonijiet koordinati.

2.2. Il-Kummissjoni se tesprimi, f'isem il-Komunità, il-pożizzjonijiet tal-Komunità dwar kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza Komunitarja, partikolarment fir-rigward ta':

- l-Artikolu 71 tat-Titolu V tat-Trattat tal-KE
- l-Artikolu 155 tat-Titolu XV tat-Trattat tal-KE
- Kull kwistjoni oħra li taqa' esklussivament jew primarjament fi ħdan il-kompetenza Komunitarja skont it-Titolu V jew XV tat-Trattat tal-KE,
- U partikolarment l-istrumenti Komunitarji li għandhom x'jaqsmu ma' materji trattati mill-Konvenzjoni u ddettaljati fl-Appendiċi għall-Anness 2 tal-Ftehim dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni.

2.3. Il-Presidenza u l-Kummissjoni se jaqblu dwar min minnhom se jagħti xi dikjarazzjoni li se ssir f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha f'każijiet meta l-kompetenzi rispettivi jkunu ikkorrelati b'mod strett. Il-Kummissjoni se tippreżenta l-pożizzjoni komuni meta l-parti l-kbira tal-kwistjoni kkonċernata

tkun taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità, u l-Presidenza se tippreżenta l-pożizzjoni komuni meta l-parti l-kbira tal-kwistjoni kkonċernata taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri.

3. STABBILIMENT TAL-POŻIZZJONIJIET U TAL-PROĊEDURA TA' KOORDINAZZJONI

3.1. Il-pożizzjonijiet kollha tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha fil-laqgħat tal-OTIF se jkunu kkoordinati kif xieraq.

Fi kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħhom l-Istati Membri se jkollhom l-għan li jelaboraw il-pożizzjonijiet koordinati. L-Abbozz tad-Dikjarazzjonijiet dwar il-pożizzjonijiet se jitqassmu minn qabel fost l-Istati Membri.

Proposti tal-Kummissjoni għal pożizzjonijiet tal-Komunità u għal pożizzjonijiet komuni bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha se jiġu diskussi fil-Kumitat xieraq maħluq bid-direttivi ferrovjarji rilevanti tal-Komunità, fosthom,

– il-Kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluży għall-punti koperti bl-Appendiċi RID għall-Konvenzjoni; jekk dawn il-punti jaffettwaw l-interoperabbiltà tal-ferrovija, jew l-approċċ komuni għas-sikurezza żviluppat skont id-Direttiva 2004/49/KE, il-pożizzjoni tal-Komunità li għandha tittieħed għandha ssir b'koordinazzjoni mal-Kumitat dwar l-interoperabbiltà u s-sikurezza tal-ferroviji.

– il-Kumitat dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferroviji Komunitarji għall-punti koperti bl-Appendiċijiet CIV, CIM, CUV, CUI għall-Konvenzjoni u għal sistemi oħra ta' liġi uniformi elaborata mill-OTIF;

– il-Kumitat dwar l-interoperabbiltà u s-sikurezza tal-ferroviji għall-punti koperti bl-Appendiċijiet APTU u ATME għall-Konvenzjoni.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jagħmlu ħilithom kollha f'laqgħat ta' koordinazzjoni fil-post biex jistabbilixxu pożizzjoni ta' qbil.

3.2. **F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluż, fil-Kumitat Espert tar-RID il-Komunità Ewropea għandha tiġi rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, megħjuna għal raġunijiet ta' għarfien tekniku espert, minn esperti mill-Istati Membri u / jew mill-Aġenzija Ewropea għall-Ferroviji jew skont kif ikun il-każ, għandha tqabbad lill-Istati Membri biex jirrappreżentawha.**

3.3. **Il-Kummissjoni se tinnotifika lill-kumitat rilevanti bil-punti f'kull aġenda ta' laqgħa tal-OTIF li jidhrilha li jeħtieġu rappreżentazzjonijiet f'isem il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.**

3.4. **Jekk se ssir votazzjoni dwar il-punti fl-aġenda, il-Kummissjoni se tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk il-Komunità jew l-Istati Membri individwali għandhomx jivvotaw.**

3.5. **L-eżerċizzju ta' responsabbiltajiet u arranġamenti fir-rigward ta' rappreżentazzjonijiet u votazzjoni b'relazzjoni ma' kwalunkwe punt fl-aġenda li jaqa' fi ħdan il-kompetenza esklussiva tal-Komunità se jiġi deċiż f'laqgħat ta' koordinazzjoni li jsiru mill-kumitati ddettaljati fil-paragrafu 3.1.**

3.6. **Jekk hemm bżonn, il-laqgħat ta' koordinazzjoni jistgħu jsiru wkoll fil-post tal-laqgħa.**

4. TAĦDIT

4.1. **F'każijiet fejn il-Presidenza ma tkunx irrappreżentata fil-laqgħat imsemmija fil-paragrafu 1, il-pożizzjoni tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha li tkun intlaħqet fil-proċess ta' koordinazzjoni dwar kwistjonijiet koperti mill-paragrafu 2.1 u, kif xieraq, fil-paragrafu 2.3, tiġi preżentata mid-delegat tal-Istat Membru irrappreżentat li jiġi l-ewwel fil-lista ta' rotazzjoni għall-Presidenza tal-UE.**

5. VOTAZZJONI

5.1. **Il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, se teżerċita d-drittijiet ta' votazzjoni tal-Komunità abbażi tal-pożizzjonijiet Komunitarji jew dawk komuni li ntlaħqu fil-proċess ta' koordinazzjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.2, u, kif xieraq, fil-paragrafu 2.3.**

Jista' jkun hemm qbil li f'każijiet fejn il-Komunità ma tkunx irrappreżentata mill-Kummissjoni, il-Presidenza għandha teżerċita d-drittijiet ta' votazzjoni tal-Komunità dwar dawk il-kwistjonijiet, abbażi tal-pożizzjonijiet komuni.

5.2. **L-Istati Membri għandhom jeżerċitaw id-drittijiet ta' votazzjoni tagħhom biss dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.1, u, kif xieraq, fil-paragrafu 2.3 abbażi tal-pożizzjonijiet koordinati u dawk komuni li ntlaħqu fil-proċess ta' koordinazzjoni.**

6. TAĦDIT U VOTAZZJONI F'KAŻIJIET TA' NUQQAS TA' QBIL

6.1. **Meta l-kwistjonijiet li qed jiġu diskussi f'wieħed mit-tliet kumitati ddettaljati fil-paragrafu 3.1 hawn fuq jibqgħu pendenti, dawk il-kwistjonijiet jitressqu quddiem ir-Rappreżentant Permanenti tal-Kumitat, mingħajr dewmien żejjed. F'każijiet meta l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jilħqux qbil dwar il-kwistjonijiet, l-Istati Membri u l-Kummissjoni ma għandhomx jieħdu pożizzjoni jew jitfgħu vot b'mod li jista' jkun ta' ħsara għall-acquis tal-Komunità.**

6.2. **Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6.1 ma jaffettwawx il-kompetenza rispettiva tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha.**